**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Cassar)**

**Vs**

**Martin Cassar**

**Każ Nru: 163/2019**

**Illum 19 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Martin Cassar,** detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 231780M;

Akkużat talli f'dawn il-Gzejjer fil-12 ta' Diċembru 2017 u fis-snin ta' qabel din id-data:

1. Kellek fil-pussess tiegħek il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Kellek fil-pussess tiegħek ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis kollha jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art. 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-ordni tal-Avukat Ġenerali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkonferma l-istess wara li ngħata żmien sabiex jirrikunsidra l-posiżżjoni tiegħu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2022 l-uffiċjal prosekutur iddikjara illi invista tal-emendi l-ġodda l-prosekuzzjoni ma għadhix tinsisti aktar għall-ewwel imputazzjoni.

Illi l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant din ġiet sodisfaċjentement ippruvata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tiddikjara proċediment estint inkwantu għall-ewwel imputazzjoni, wara li rat li rat l-Artikoli 8(a) u 8(d), 22(1)(a), u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 fuq ammissjoni ssib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok JC5 u JC6, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr Josette Demicoli**
**Maġistrat**